MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 43/1986/3

**Joseph Galea f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-imsiefra Carmen mart Gakbu Camilleri, Lucy mart Bernard Portelli u Anthony ahwa Galea**

**v.**

**Maria mart Michele Camilleri**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**
**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR PROPRIO ET NOMINE</u>**
1. B'citazzjoni l-attur proprio et nomine, ippremetta:

Illi b'testmet fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tat-18 ta' April 1983, Rose Cauchi halliet b'eredi taghha lill-atturi u l-konvenuta werrieta taghha skond il-ligi.

Illi fit-8 ta' Ottubru 1985, b'ingann ezercitat min-naha tal-konvenuta l-istess Rose Cauchi giet indotta biex taghmel testment iehor fl-atti tan-Nutar Michael Refalo li bih giet nominata unika eredi l-konvenuta, bl-obbligu li ddur bit-testatrici, meta din kienet diga` fi klinika privata;

Illi l-istess Rose Cauchi mietet fit-18 ta' Ottubru 1985, u l-wirt taghha ghadu illikwidu.

Talab lill-konvenuta tghid ghaliex:

(1) ma ghandux jigi dikjarat u deciz illi t-testment maghmul minn Rose Cauchi fit-8 ta' Ottubru 1985, permezz tan-Nutar Michael Refalo kien null u bla effett u ma jirrapprezentax l-ahhar volonta` ta' l-istess Rose Cauchi ghaliex kien frott ta' l-ingann;

(2) ma ghandux jigi likwidat (sic) l-assi ta' l-istess Rose Cauchi;

(3) ma ghandu (sic) l-assi hekk likwidat jigi dispost skond it-testment ta' l-istess Rose Cauchi tat-18 ta' April 1983, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi u wara l-hlas tal-legati kollha, ma ghandux jigi maqsum f'hames porzjonijiet ugwali, u

(4) ghaliex dawn il-porzjonijiet ugwali ma ghandhomx jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-atturi u l-konvenuta; bin-nomina ta' nutar biex jircievi l-att ta' divizjoni u ta' kuratur ghal kontumaci fuq l-att ta' divizjoni.

Bl-ispejjez.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTA</u>**

2. Il-konvenuta eccepiet illi:

(1) Illi l-ewwel domanda attrici hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt billi t-testment ta' Rose Cauchi

Atti Nutar Dr. Michael Refalo tat-8 ta' Ottubru 1985, huwa validu u skond il-ligi u jirregola l-wirt tat-testatrici skond il-volonta` taghha u skond il-ligi.

(2) Illi l-wirt ta' l-istess Rose Cauchi ghandu jigi likwidat u distribwit skond it-testment ta' l-istess decujus l-ewwel wiehed fl-Atti tan-Nutar tat-18 ta' April 1983, u t-tieni wiehed fl-Atti tan-Nutar Michael Refalo tat-8 ta' Ottubru, 1985.

(3) Preliminarjament il-konvenuta titlob il-liberazzjoni taghha mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-attur proprio et nomine billi mhux veru li l-attur Joseph Galea huwa prokuratur tal-persuni imsiefrin minnu msemmija fic-citazzjoni.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tal-5 ta' Marzu 2002, l-imsemmija Qorti iddecidiet billi filwaqt illi laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fuq il-mertu, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attur proprio et nomine.

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR PROPRIO ET NOMINE</u>**

4. Illi l-attur pro et noe hass ruhu aggravat mill-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti:-

4.1 Jidher li l-ewwel Qorti annuncjat (<u>recte</u> enuncjat) il-principji sew meta iccitat diversi awturi, fosthom, il-principju li f'kazijiet bhal dawk in ezami tghodd il-prova permezz tal-prezunzjonijiet, li jkun hemm anke kaptazzjoni bhala rizultat ta' suggestjoni u suggerimenti, meta dawn huma rizultat ta' frodi adoperati da parti ta' min ikollu interess f'certu rizultat li jaghmel it-testatur. Dawn il-principji annuncjati (<u>recte</u> enuncjati) tajjeb gew applikati hazin fil-kaz in ezami.

4.2 Bhala fatti pruvati lanqas jirrizulta pruvat dak li hadet bhala pruvat l-ewwel Qorti. Hija l-verzjoni tal-konvenuta li l-arrangament li kien hemm sabiex l-attur u l-konvenuta jorqdu ma' l-attrici, spicca ghaliex kien hemm l-

inkwiet bejn Rosa Cauchi u l-familja ta' l-attur. Infatti jidher mill-provi li l-attur Joseph Galea fil-fatt kellu l-prokura generali tad-"decujus" u infatti kien sorpriz ferm meta l-konvenuta ghamlet l-arrangamenti sabiex tehodha ghand is-sorijiet. Kuntrarjament ghal dak li allegat l-istess konvenuta Rosa Cauchi qatt ma riedet tmur ghand is-sorijiet. Dak il-lejl qabel ma ttiehdet l-"Old People's Home" kienet ecitata hafna u kienet isterika. Bdiet tghidlu "x'ghamiltuli, kemm ghandkom qalbkom xierfa". Dan huwa dijametrikament oppost ghall-verzjoni li l-mejta kellha xi tghid ma' l-attur u l-familja tieghu. Hawn jidher li l-ewwel Qorti riedet bilfors taghzel il-verzjoni tal-konvenuta u l-familjari taghha u tinjora kompletament dak li gie kontradett mill-attur. X'inhu l-aktar verosimili li t-testatrici ma rieditx toqghod id-dar taghha ghall-iskuzi li avanzat il-konvenuta, jew inkella li din ittiehdet ghand is-sorijiet biex ikun facli ghall-konvenuta li timmanipola lit-testarici sabiex tispicca taghmel it-testment li fil-fatt ghamlet – testment fejn halliet kollox lill-konvenuta? Jekk wiehed juza s-sens komun, u jifhem x'generalment jigri meta xi xjuh jigu indotti jaghmlu testmenti ta' din ix-xorta, wiehed ghandu l-prezunzjoni li hemm bzonn biex jitlaq fuq l-ipotesi, li r-raguni ghaliex ittiehdet ghand is-sorijiet it-testatrici hija wahda frawdolenti. Ghalhekk wiehed jistaqsi u jpoggi in kwistjoni l-konkluzjoni gratwita ta' l-ewwel Qorti meta qalet dwar it-testatrici "Ghalkemm dejjem kienet turi x-xewqa li tibqa' d-dar, Rosa jidher li issa bdiet tibdel il-fehma taghha u tghid li ghand is-sorijiet forsi tkun ahjar". Din hija konkluzjoni verament spurja, u pregudikata, ghaliex ma hija sostanzjata minn ebda prova. Infatti l-provi juru xi haga kompletament diversa. Din hija raguni ohra ghaliex il-Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslet ghaliha. Rosa Cauchi qatt ma riedet titnehha minn darha. L-arrangament li kien sar u li r-rizultat tieghu kien it-testment tat-18 ta' April 1983, kien proprju minhabba li assolutament ma rieditx tohrog minn darha. Ftehmet man-neputijiet taghha l-attur u l-konvenuta u iffavoriethom f'dak it-testment. Ma hemm ebda prova li Rosa Cauchi riedet tbiddel dak l-arrangament. Inbidel ghaliex ittiehdet ghand is-sorijiet kontra qalbha u hemm giet manipolata. Altru milli, kif riedet targumenta l-ewwel Qorti, li l-fatt li l-attur jghid li dan kollu sar minn wara daharu, jindika illi

tassew f'dawk il-granet kien ittraskura xi ftit lill-anzjana. Din hija konkluzjoni ohra azzardata u pregudikata. Infatti erba' persuni fix-xiehda taghhom jghidu li Rosa Cauchi kienet dejjem tghajjat u tghid "fejn gibtuni" u "ghaliex gibtuni hawn" (ara xiehda ta' Suor Epifania Bonnici 2-6-1987), Suor Margherita Bugeja (15-12-1988) Suor Maria Gauci (15-12-1988) u Rosa Axiaq (15-12-1988)). Dan kollu juri li kienet qeghda titwettaq vjolenza morali fuq persuna ghamja u "bedridden", li ma setghetx tiehu hsieb taghha nfisha. Li kieku Rosa Cauchi riedet tmur ghand is-sorijiet kieku l-ghajta kienet tkun fis-sens "x'gejt naghmel hawn" u mhux "x'gibtuni naghmel hawn".

4.3 Fatt iehor li l-ewwel Qorti haditu bhala pruvat izda li fil-fatt ma jirrizultax, huwa li n-nutar kiteb it-testment sotto dittatura ta' l-istess testatrici. Carmelo Portelli wiehed mix-xhieda ma jghidx li n-nutar kiteb it-testment sotto dittatura ta' Rosa Cauchi. Portelli jghid biss: "Niftakar illi n-nutar kien qara t-testment, kien spjegahulha wkoll, u f'dan it-testment kien hemm imnizzel li kienet ser thalli kollox lil Marija Camilleri". In kontra ezami l-istess xhud jghid li biex jaghmel xhud kienet qaltlu Maria Camilleri l-konvenuta. "Meta ahna wasalna ghand is-sorijiet, in-Nutar kien diga` hemm, jiena ma rajtux jikteb it-testment, pero` naf illi qrahulha fil-prezenza tieghi". Ta' min jistaqsi allura jekk hijiex azzardata l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li kienet l-istess testatrici li iddettat it-testment. F'dan ir-rigward x-xiehda ta' l-imsemmi Carmelo Portelli kellha tigi accettata u apprezzata fuq kull xiehda ohra, sahanstira dik tan-nutar Dottor Michael Refalo li ghandu kull interess li jiddefendi t-testment li ghamel huwa stess.

4.4 L-istess jinghad dwar ix-xiehda tat-tabib Salvinu Galea. Dottor Galea qal li Rosa Cauchi kienet tibza' mill-attur. Kieku kien verament hekk, kieku qatt ma kienet, flimkien ma' huha Toni taghmel prokura generali sabiex jamministralha hwejjigha. Din il-prokura baqghet ma gietx irtirata. Dottor Galea ghandu kull interess li jiddefendi c-certifikat li ghamel u li gie anness mat-testment li qed jigi impunjat. Ix-xiehda tieghu ovvjament hija ikkulurita b'*bias* u ghalhekk ma ghandux jitwemmen meta jghid li Rosa Cauchi xtaqet tmur ghand is-sorijiet. Il-provi ta' kif

ikkomportat ruhha Rosa Cauchi meta kienet ghand is-sorijiet ma jirriflettu xejn dak li qal dan it-tabib. Dan huwa l-kaz ukoll ghal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' medicinali u kalmanti. Dan it-tabib jichad li gew somministrati medicinali u kalmanti lil Rosa Cauchi. Is-sorijiet li daru biha ikkontradicew dan kollu. Hemm ukoll il-misteru ghaliex immedjatament mal-mewt ta' Rosa Cauchi gew distrutti r-records ta' l-isptar. Dawn il-fatti hafna suspettuzi u determinanti ma ghamlu ebda differenza fl-apprezzament ta' l-ewwel Qorti, li dehret inklinata wisq taccetta certu verzjoni "*on its face value*" tiskarta fatturi ohrajn talment importanti li setghu joholqu dawk il-prezunzjonijiet li l-istess awturi ecitati (sic) mill-ewwel Qorti setghu wasslu ghall-konkluzjoni verament differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

4.5 Konkluzjoni ohra azzardata u li ma issegwix kienet li kien ikun aktar facli ghall-konvenuta li tiddomina u timmanipula lit-testatrici fid-dar taghha milli ghand is-sorijiet. Dan huwa kollu bil-maqlub ta' dak li huwa verosimili u dak li jiddetta s-sens komun. Kien aktar facli li timmanipolaha l-isptar privat, 'il-boghd mill-hars tal-girien u ta' l-attur jew martu. Il-konvenuta ma kienitx tazzarda ggib in-nutar id-dar tat-testarici, ghaliex qabel ma dan kien ikollu hin jikkonkludi l-missjoni tieghu, il-kelma tasal ghand l-attur li seta' jisfrattalha kollox. Kien aktar facli li taghmel dak li ghamlet il-konvenuta "*out of sight, out of mind*" ta' l-attur. Fil-fatt irnexxielha fil-pjan taghha bl-ghajnuna tat-tabib Dottor Salvino Galea u ta' l-istess sorijiet li dritt wara l-mewt tat-testatrici iddustruggew id-dokumenti kollha u l-"*medical history*". Dak kollu li gara issa huwa midfun, u jistghu jitkellmu biss il-protagonisti li ghandhom "*mano in porto*". Minflok ma hadet ix-xiehda ta' dawn "*at face value*", l-ewwel Qorti messha irrigwardathom b'cirkospezzjoni kbira u b'certi dubji.

4.6 L-ewwel Qorti qalet li ma rat xejn straordinarju fil-fatt li l-anzjana marida bhalma kienet Rosa Cauchi tinzamm f'*cot*. Dan huwa certu mod kif wiehed jaghzel li japprezza l-fatti. Izda dan ma jkunx il-kaz jekk wiehed iqis ukoll l-fatturi l-ohra cirkostanzjali.

a. Rosa Cauchi kienet ghand is-sorijiet kontra qalbha. Kienet saret isterika u saret isterika ghaliex ittiehdet ghand is-sorijiet u tnehhiet mill-ambjent naturali taghha. Ma kinitx isterika u ma kienx hemm ghalfejn tinzamm fil-“cot” meta kienet qeghda gewwa darha. Ghaliex proprju kellha titpogga gewwa “cot” meta kienet ghand is-sorjiet, meta suppost kellha kura u attenzjoni 24 siegha kuljum? Il-verita` hi, li Rosa Cauchi kienet isterika u inkonsolabbli ghaliex kienet qeghda tinzamm priguniera kontra x-xewqa taghha.

b. Rosa Cauchi kienet saret isterika. L-ewwel Qorti injorat kompletament ix-xiehda genwina ta’ min ma kellux interess li jimmaskra l-verita`, bhalma hija x-xiehda ta’ Suor Margherita Bugeja: “Normalment ahna n-nies li npoggu fil-cots huma dawk li jqumulna bil-lejl, u ghalhekk nibzghu illi jistghu jaqghu u jwegghu. Niftakar pero` li din Cauchi kienet tghajjat….”. L-istess ix-xiehda ta’ Suor Maria Gauci: “Niftakar illi hi kienet tigi mizmuma go cot peress illi kienet tghajjat u anke tipprova tinzel mis-sodda li kienet fiha, u ghalhekk iddecidejna li nzommuha go cot. Gieli kien ikolli nohrogha minn gol-‘ward’ fejn kienet, peress li ma kinitx thalli lill-pazjenti l-ohra jorqdu. Niftakar illi bhala pilloli kienet tiehu kalmanti qawwijin, pero` x’kienu dawn u f’liema kwantita` ma niftakarx. X’kienet tghid ma niftakarx izda niftakar certu kliem li kienet tghid bhal “Ghajjut” u “Ghalfejn hawnhekk gabuni?” Fuq l-isfond ta’ dan kollu jista’ wiehed jghid li ma kien hemm xejn straordinarju fil-mod kif inzammet it-testatrici, jew li ma kienitx qeghda tinzamm ghand is-sorijiet kontra r-rieda taghha?

4.7 L-ewwel Qorti wkoll donnha riedet tikkondona l-effett tat-trankwillizzanti fuq il-volonta` u l-fakultajiet intelletwali tat-testatrici. Jekk ma hemmx prova dwar x’effett setghu hallew fuq mara anzjana, izda l-fatt hu li dawn gew somministrati u gew somministrati ghal certu raguni. Huwa cert ukoll li qabel ma kienet ghand is-sorijiet Rosa Cauchi ma kinitx tiehu kalmanti. Ghaliex allura f’certu zmien kellha tigi moghtija dawn il-medicinali? Ghaliex dan il-fatt hekk importanti ma ttehidx in konsiderazzjoni u baqa’ ma nghatax il-piz li kellu jinghata?

4.8 L-iktar travestija li grat f'dan il-process imbaghad kien il-fatt li meta gie nominat l-espert psikjatriku Dottor Joseph Pisani minflok ma ta l-opinjoni tieghu dwar l-istat mentali tad-"decujus" kif kien mitlub li jaghmel, dan ghamel gudizzju legali, gudizzju li ma kienx kompitu tieghu li jaghmel u ikkonkluda "… fl-atti ma jezisti xejn li juri li meta Rosa Cauchi ghamlet it-testment din kienet affetwata minn xi forma ta' mard psikjatriku jew effett ta' medicinali li irrenduha mentalment inkapaci." Dan kien il-gudizzju li seghet se mai waslet ghalih il-Qorti ghaliex din hija konkluzjoni legali fuq il-provi migjuba. Li ried jaghmel l-espert psikjatriku kien li jaghti opinjoni teknika u esperta ta' kif mara anzjana u debitata bhalma kienet Rosa Cauchi li sabet ruhha fic-cirkostanzi li jirrizultaw kinitx f'posizzjoni li taghmel testment billi tuza l-libera volonta` taghha. X'jirrizulta mill-provi mbaghad huwa ghall-Qorti li tikkonkludi u l-Qorti minflok ma ghamlet dan addottat cjekament dak li ikkonkluda l-espert psikjatriku. Dr. Pisani ghamel rapport immirat li jiskolpa l-amministrazzjoni tal-klinika f'dak li kellu x'jaqsam ma' dan il-kaz, kif ukoll jghatti xtur siehbu fil-professjoni (Dr. Galea) li kien cert li t-testatrici kienet lucida izda ma kienx jaf li qeghda taht l-effett tal-kalmanti kif gie abbondantament ippruvat. Wiehed irid jistaqsi kif ma deherlu li kien hemm xejn straordinarju li mara ta' 79 tinghata kalmanti qawwija minghajr l-ordni tat-tabib. Kif ma deherlu li kien hemm xejn hazin bil-fatt li r-'records' ta' l-isptar jigu distrutti immedjatament wara l-mewt tat-testatrici u dana skond l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika (Gazzetta tal-Gvern Numru 13896, 16-1-81, Taqsima B pagna 515). Possibbli dawn l-irregolaritajiet ma indikawlu xejn lill-espert psikjatriku li ghamel zmien jokkupa l-kariga ta' Superintendent ta' l-isptar Monte Carmeli.

4.9 L-attur talab li titla' tixhed Margherita Portelli mart ix-xhud Carmelo Portelli. Din ipproduciet certifikat mediku sabiex tigi ezenti (sic) milli titla' l-Qorti. Gie innominat Magistrat Supplenti Dr. Carmelo Galea li pero` baqa' qatt ma esewgixxa l-inkarigu tieghu. Hawnhekk zgur hawn pregudizzju iehor kontra l-atturi, pregudizzju li

ma jistax jigi rimedjat jekk mhux bl-annullament tas-sentenza appellata.

4.10 Fil-kors tal-kawza gew esebiti wkoll ittri li kienet tikteb Rosa Cauchi. Jidher li dawn ukoll gew injorati, ghaliex l-iskop taghhom kien li juri l-karattru tat-testatrici. Kienet mara eccezzjonalment skrupluza u qatt ma kienet lesta titradixxi l-principji taghha nsara u l-principji tas-sens ta' "fairness". Il-fatt li ghamlet dan kien zgur effett tal-kalmanti u c-cirkostanzi li tefghetha fihom il-konvenuta sabiex tkun tista' ddajfilha r-rieda taghha. Il-kalmanti gew issoministrati minghajr il-preskrizzjoni tat-tabib u l-iskop taghhom kienu li jikkalmawha, proprju ghaliex ma rieditx toqghod f'dak il-post u f'dak l-ambjent. Huwa evidenti li persuna li sabet ruhha taht dawk l-effetti kinitx (sic) facilment iccedi ghall-pressjoni inkluzi qeghdiet li jsirulha (sic).

Ghalaqstant l-appellant proprio et nomine talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTA APPELLATA**

5. L-appellata wiegbet hekk:

Illi s-sentenza li minnha qieghed isir dan l-appell hija wahda gusta u timmerita konferma minn din il-Qorti.

F'din il-kawza l-atturi talbu t-thassir ta' testment maghmul minn Rosa Cauchi fit-8 ta' Ottubru 1985, sabiex b'hekk jibqa' fis-sehh testment maghmul minnha fit-18 ta' April 1983, li permezz tieghu l-atturi kienu nhatru eredi taghha. Intalbet ukoll il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Rosa Cauchi. L-atturi sostnew li l-ahhar testment ta' Rosa Cauchi kien effett ta' ingann ezercitat mill-konvenuta a dannu ta' l-istess testatrici. Dan gie ikkontestat mill-konvenut li sostniet u ippruvat li mhux talli ma kien hemm ebda ingann talli dan it-testment jirrapprezenta l-ahhar volonta` taghha.

Illi minn ezami tar-rikors ta' l-appell jidher evidenti li l-aggravju ta' l-appellanti huwa essenzjalment bazat fuq l-

apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Qed isostnu li l-provi minnhom imressqa kellhom inisslu fl-ewwel Qorti dak il-konvinciment mehtieg sabiex tasal ghall-konkluzjoni li t-testment maghmul mit-testatrici kien biss konsegwenza ta'dan il-qerq.

Tajjeb li wiehed jiccita dak li qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Nicholas sive Lino Aquilina v. Nicholas Aquilina", deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998.

"Issa hu llum assodat fil-gurisprudenza li din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel tribunal, jekk mhux ghal ragunijiet gravi meta jkun ser jirrizulta illi altrimenti tkun ser tigi ikkreata ingustizzja manifesta. Hu allura konsentit li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament ta' l-ewwel tribunal meta dan ikun kjarament b'mod grossolan zbaljat fis-sens li dak it-tribunal ma setax ma jasalx ghall-konkluzjoni differenti minn dik li jkun zbaljatament wasal ghaliha.

Dan il-principju gie ripetutament ribadit ghaliex gie minn dik il-Qorti konsiderat li kien l-ewwel tribunal li kellu l-opportunita` li jisma' lix-xhieda "viva voce" u li jevalwa l-komportament taghhom fil-pedana. Dan japplika aktar u aktar fejn, bhal fil-kaz taht ezami, id-decizjoni tal-mertu tal-kawza jkun jiddependi mill-kredibilita` u mill-attendibilita` tax-xhieda."

Dan l-insenjament japplika perfettament ghall-kaz odjern.

L-atturi ibbazaw il-pretensjoni ta' l-ingann minnhom imqanqla a bazi tal-fatt li Rose Cauchi ma kinitx kuntenta fil-klinika privata li fiha kienet ittiehdet. Huma jenfasizzaw kull kelma li setghet lissnet li turi li ma kinitx kuntenta f'dik il-klinika u minn dan il-fatt jippruvaw jargumentaw kif allura din ma setghet qatt ghamlet l-intenzjoni li tibbenefika lil min kien hadha f'dik il-klinika u allura t-testment ma jistax ikun li jirrifletti dak li verament riedet it-testatrici. Madanakollu l-atturi jargumentaw ukoll li fil-mument li sar it-testament it-testatrici ma kinitx mentalment f'sikkitha billi kienet taht l-effett ta' kalmanti li kienu gew somministrati lilha fl-istess klinika. Kif gia` kellhom okkazzjoni josserva

(sic) l-konvenuta, fil-kors ta’ din il-kawza l-atturi spiccaw jargumentaw kontra dak li ippremettew fic-citazzjoni. Dan ghaliex meta wiehed itenni li t-testatrici giet ingannata u indotta sabiex taghmel testment kontra dik li suppost kienet ir-rieda taghha, din id-dikjarazzjoni minnha nnifisha tippressuponi s-sanita` mentali tat-testatrici li tkun giet indotta sabiex tikteb dak li ma rieditx.

Kif spjegat fid-dettal il-konvenuta fl-osservazzjonijiet taghha l-allegazzjoni tal-qerq tippressuponi stat ta’ fatt li l-konvenuta tkun approfittat ruhha u assoggettat lit-testatrici ghal zeghil, qerq u pressjonijiet ohra sabiex ikkostringietha taghmel id-disposizzjonijiet testamentarji impunjati. Din hija kompletament diversa mill-kawzali ta’ inkapacita` assoluta tat-testatrici li issa qed jallegaw li kien hemm l-atturi. Huwa ghalhekk sottomess bil-qima li din il-Qorti ghandha toqghod ghal dak li jirrizulta mill-kawzali fic-citazzjoni u tillimita ruhha sabiex tinvestiga biss il-punt jekk it-testatrici gietx ingannata biex taghmel it-testment taghha. Is-sanita` mentali taghha fil-mument li fih sar it-testment hija rilevanti, biss sabiex jigi verifikat jekk dan setax kien fattur li wassal ghal tali ingann. Fin-nuqqas ta’ dik il-provi din it-talba ghandha tigi michuda. L-ingann jirrikjedi l-prova ta’ l-agir doluz mill-konvenuta intiz sabiex din induciet lit-testatrici taghmel dak li altrimenti ma kinitx taghmel u cioe` sabiex tippresta l-kunsens liema kunsens li ma kienx ghal dan l-ingann hija ma kinitx tippresta.

L-appellata ghadha s’issa ma tistax tifhem ir-ragunament ta’ l-atturi dwar dak li suppost kellu jikkostitwixxi l-ingann minnha ippreparat a dannu ta’ Rosa Cauchi. Dan jikkonsisti principalment fis-segwenti:

(i) it-tehid ta’ Cauchi fi klinika privata;

(ii) iz-zamma taghha f’dik il-klinika kontra r-rieda taghha;

(iii) il-fatt li gieli nzammet f’cot;

(iv) is-somministrazzjoni ta’ medicinali fl-istess klinika li kellhom konsegwenza fuq ir-rieda taghha. Din

hija r-retroxena li jpingu l-atturi kollha ippreparata minuzzjozament mill-appellata sabiex tikseb il-kunsens ta' Rosa Cauchi ghat-testment il-gdid.

Izda kontra dan hemm pero` is-segwenti:

(i) it-testatrici ttiehdet fi klinika proprju ghaliex l-attur Joseph Galea ma kompliex bl-arrangament originali dwar l-irqad mat-testatrici; u l-konvenuta ma kinitx f'posizzjoni li taghmel tajjeb ghall-htigijiet kollha taghha;

(ii) Rose Cauchi nnifisha xtaqet li tittiehed f'Home ghaliex kienet tiddejjaq wahedha bil-lejl meta l-attur suppost li kien jorqod maghha. Dan ikkonfermah it-tabib kuranti taghha Dr. Salvino Galea;

(iii) il-htiega tal-cot inqalghet proprju sabiex tigi mharsa l-inkolumita` fizika taghha billi setghet titlef il-bilanc mhux sabiex tigi b'xi mod ristretta l-liberta` taghha;

(iv) l-atturi skartaw bhala irrilevanti d-deposizzjonijiet tat-Tabib Salvino Galea li kien iktar minn semplici tabib kuranti taghha, tan-Nutar Michael Refalo li ipprepara t-testment;

Fuq kollox l-atturi qed jiskartaw in-nuqqas ta' ragjonevolezza fis-suppost pjan tal-konvenuta sabiex iggieghel lil Rosa Cauchi taghmel dak it-testment. Dan ghaliex zgur li kieku hija verament kellha l-hsieb li ggieghlha tibbenifikaha bit-testment zgur li kien utili ghaliha li zzomm u ddur biha d-dar mhux tehodha f'Home kontra r-rieda taghha (skond ma qed jghidu l-atturi). Kieku verament dak kien il-hsieb taghha allura kienet izzommha d-dar u torganizza t-testment id-dar mhux tehodha f'dar tax-xjuh fejn kull ma sar kellu jigi gustifikat mad-dirigenti ta' dik id-dar u sar quddiem ir-residenti l-ohra ta' dik id-dar. Anzi irrizulta li d-decujus kien ilha diversi xhur li iddecidiet li tibdel it-testment taghha. Kien biss minhabba l-indispozizzjoni tan-Nutar ta' fiducja taghha li dan ma sarx.

Jigi enfasizzat li l-ingann bhal dak allegat f'din il-kawza jrid jigi ippruvat b'mod l-aktar rigoruz sabiex iwassal ghall-impunjazzjoni tat-testment u dan billi l-presunzjoni hija favur il-validita` ta' testment. Oltre dan irid ukoll jigi ippruvat li tali ingann induca lit-testatrici sabiex taghmel it-testment. Fi kliem il-Prim Awla fid-decizjoni fl-ismijiet Schembri et v. Galea et tas-16 ta' Ottubru, 1883 (Vol. X p. 251)

"*Il dolo e la violenza non sono mai presunti e non s'inducono mai da vaghi sospetti, ma debbono essere rigorosamente provati*."

Kienet tinkombi fuq l-atturi l-prova mhux biss ta' l-ezistenza ta' l-atti frawdolenti talli riedu jgibu prova wkoll tan-ness bejn l-ingann u t-testment, jigifieri, li kien biss minhabba l-ingann li issubiet it-testatrici, din ghamlet it-testment mertu ta' din il-kawza u li kieku ma kienx ghal dak l-ingann, it-testment ma kienx isir ghaliex dawk id-disposizzjonijiet ma kienux voluti mit-testatrici (ara R. Pace v. Giuseppe Pace et tas-17 ta' April, 1925 – Vol. XXVI Part II p.78). Fi kliem iehor l-atturi riedu jipprovaw li li kieku ma kienx ghal dawn l-atti frawdolenti, Rosa Cauchi kienet thalli t-testment originali taghha bl-atturi fost l-eredi. Izda l-provi kollha juru proprju l-kontra.

A skans ta' ripetizzjoni l-appellata taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet maghmula minnha quddiem l-ewwel Qorti inkluz anke l-konsiderazzjonijiet dwar il-pretensjoni mqanqla mill-atturi dwar is-sanita` mentali tat-testatrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenuta appellata talbet dan l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Fil-kawza odjerna l-attur pro et noe qed jattakka il-validita` ta' testment maghmul minn Rosa Cauchi fit-8 ta' Ottubru 1985, u dan minhabba li skond huma dan sar frott ta' ingann da parti ta' ohtu, il-konvenuta Maria Camilleri.

B'hekk, izidu l-atturi, is-successjoni taghha ghandha tigi regolata skond testment precedenti li hija ghamlet fit-18 ta' April, 1983.

7. Rosa sive Rose Cauchi, xebba anzjana, kienet il-kugina tal-partijiet kontendenti fil-kawza, li huma ahwa. Din kienet tghix fil-fond 36, Racecourse Street fin-Nadur, Ghawdex, flimkien ma' huha Toni li pero` miet qabilha. B'hekk meta dan miet hija spiccat wahedha. Dak iz-zmien Rosa kienet diga` anzjana sew, kellha qrib it-tmenin sena, kienet "bedridden" peress illi xi sentejn qabel kienet kisret saqajha li qatt ma fiqitilha u ma tantx kienet tara – infatti, fl-ahhar xhur ta' hajjitha kienet anke ghamiet. Minhabba f'dawn ir-ragunijiet u peress li Rosa kienet tbati bis-solitudini hija ftehmet ma' l-attur Joseph Galea u l-konvenuta biex dawn jiehdu hsiebha ghal tnax-il siegha kull wiehed. Il-konvenuta kellha tkun maghha mit-8 ta' filghodu sat-8 ta' filghaxija, u kellha ssajrilha u tiehu hsieb it-tindif. L-attur imbaghad kellu joqghod maghha minn x'hin titlaq il-konvenuta sa l-ghada filghodu. Biex tikkompensahom Rosa kienet ghamlet it-testment tat-18 ta' April 1983, u hallitilhom legati partikolari u innominat eredi universali lill-ahwa Galea kollha.

8. Mill-provi jirrizulta li tali arrangament hadem ghal xi zmien, u dan nonostante li l-attur u l-konvenuta ma jitkellmux. Izda fl-1 ta' Ottubru 1985, Rosa Cauchi telqet minn darha u giet rikoverata f'St. Dominic's Clinic, ir-Rabat, klinika tas-sorijiet Dumnikani, u damet hemm sat-18 ta' Ottubru 1985, meta hija mietet. F'dawn il-ftit granet li fihom hija damet rikoverata fil-klinika msemmija sar it-testment li l-atturi qeghdin jittentaw jimpunjaw minhabba li, skond huma, sar b'rizultat ta' ingann.

9. Qabel ma wiehed jghaddi biex jezamina l-appell odjern, li kif sewwa issottomettiet il-konvenuta appellata, huwa wiehed li principalment jitratta dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, ghandu jinghad li tul is-smigh tal-kawza l-atturi kienu allegaw ukoll illi t-testatrici ma setghetx taghmel it-testment minhabba infermita` mentali li giet ikkawzata mill-kalmanti somministrati lilha fl-istess klinika. Illi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-

inkapacita` mentali u l-ingann ma jistghux jissussistu flimkien "ghax jew it-testatrici kienet kapaci taghmel testment, imma giet ingannata biex tiffavorixxi lil xi hadd a skapitu ta' haddiehor; inkella ma kienitx kapaci xejn ghax milquta minn infirmita` mentali". Fir-risposta ta' l-appell taghha l-konvenuta tissottometti li l-Qorti "ghandha toqghod ghal dak li jirrizulta mill-kawzali tac-citazzjoni u tillimita ruhha sabiex tinvestiga biss il-punt jekk it-testatrici gietx ingannata biex taghmel it-testment taghha. Is-sanita` mentali taghha fil-mument li fih sar it-testment hija rilevanti biss sabiex jigi verifikat jekk dan setax kien fattur li wassal ghal tali ingann. Fin-nuqqas ta' dik il-prova din it-talba ghandha tigi michuda." Jigi hawnhekk rilevat illi dan huwa proprju dak li ghamlet l-ewwel Qorti li korrettement mill-ewwel iddikjarat li ma kinitx ser tidhol fil-kwistjoni ta' infermita` mentali li tirrendi persuna inkapaci izda kienet se tinvestiga jekk "it-testatrici setghetx giet ingannata biex tiffavorixxi lill-konvenuta, fost affarijiet ohra kagun stat mentali debboli li setghet waqghet fih minhabba xi medicinali, fosthom trankwillizzanti, li setghu gew amministrati lilha." Ghalhekk il-provi prodotti jridu jigu ezaminati f'dawn il-parametri.

10. Il-maggor parti tar-rikors ta' appell ta' l-attur proprio et nomine jitratta dwar l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-provi akkwiziti maghmula mill-ewwel Qorti. L-appellanti jilmentaw illi l-principji legali citati mill-Qorti, ghalkemm enuncjati tajjeb gew applikati hazin ghall-fatti odjerni. Jillanjaw illi l-fatti li l-ewwel Qorti hadet bhala pruvati, ma gewx tassew ippruvati. Huma jelaboraw dwar dan billi jelenkaw dawk il-fatti li, skond huma, jammontaw ghall-konkluzjonijiet li l-ewwel Qorti waslet ghalihom minghajr pero` ma huma sostanzjati minn ebda prova affidabbli.

11. Jibda billi jinghad li l-Qorti ta' l-Appell, bhala qorti ta' revizjoni qajla tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni jew ragunijiet gravi li jkunu juru li ghandu jsir xort'ohra. Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Paul Formosa v. Salvu Debono** (Appell Superjuri deciz fil-5 ta' Ottubru, 2001) dan id-disturb ta' apprezzament ma jsirx "…sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma

jissodisfahiex illi kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragonevoli fuq il-gustizzja ta’ apprezzament ta’ provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ingustizzja manifesta.”

12. Mill-provi jirrizulta li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma konfliggenti u anke dijametrikament opposti. L-appellanti jsostnu li t-testatrici giet rikoverata fil-klinika biex ikun izjed facili ghall-konvenuta li timmanipulaha. L-appellanti jixhdu li t-testatrici qatt ma riedet titlaq minn go darha. Jghidu li hija kienet imdejqa gol-klinika u ma jistax ikun li riedet tikkumpensa l-persuna li nehhietha minn darha u tefghetha gewwa klinika. Il-konvenuta, min-naha taghha, tixhed li t-testatrici ma kinitx moqdija sew bl-arrangament li kien sar u dan minhabba li l-attur ma kienx qed izomm il-parti tieghu tal-ftehim u kien ghalhekk li din marret fil-klinika tas-sorijiet. Il-konvenuta issostni li t-testatrici kienet ilha bosta xhur trid tibdel it-testment li kienet ghamlet fl-1983 u li dan ma sarx minhabba li n-Nutar Refalo dam indispost ghal zmien twil.

13. Hawn huwa opportun li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet guridici, jigifieri li:

a. Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.[1]

b. Jigi osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f’kaz ta’ zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawasibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi tal-principju li <u>onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat</u>[2]. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-

[1] Carmelo Farrugia v. Rokku Farrugia PA – 24/11/1966
[2] Anthony Camilleri v. Maurice Cauchi et 22/11/2002 – Appell Inferjuri

ohra pero` il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.[3] Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita` civili.

14. Fir-rigward ta' **impunjazzjoni ta' testment minhabba ingann** issir referenza ghall-kazistika estensiva iccitata mill-partijiet fin-noti ta' osservazzjonijiet li gew ipprezentati minnhom fil-proceduri quddiem il-Qorti ta' prim istanza. Issir referenza wkoll ghall-awturi u d-dottrina citata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, dwar liema dottrina ma jidher li hemm l-ebda oggezzjoni min-naha ta' l-appellanti. F'dak li ser jinghad hawn ser jigu enuncjati biss il-principji assodati fil-gurisprudenza kif applikabbli ghall-vertenza in ezami:

i) Illi testment huwa prezunt validu u l-annullament tieghu huwa konsiderat haga ferm serja. It-testatur ghandu jitqies li ghamel it-testment bil-pjena volonta` tieghu u b'hekk kwalunkwe allegazzjoni a rigward tal-validita` o meno tat-testment trid tigi ippruvata.

ii) Illi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti "la captazione… sono i raggiri dolosi adoperati presso il testatore per sorprendere le sue ultime volonta`."[4] Inoltre, "La suggestione e la captazione non costituiscono mezzi propri e speciali per annullare le disposizioni testamentarie; ma sono un ramo ed una dipendenza del dolo che deve servir loro di fondamento."[5] "Bisogna per conseguenza domandare la nullita` non per captazione o suggestione, ma per dolo, provando che il testamento non sia piu` l'espressione della volonta` del decujus, il quale, vittima dei raggiri fraudolenti da cui fu acciecato, ha fatto quello che non avrebbe voluto fare."[6] Dan il-principju gie ukoll abbraccat fil-gurisprudenza lokali.[7]

---

[3] Paul Vassallo et v. Carmelo Pace – Appell Civili – Vol LXX.II.144
[4] Laurent – Principi di diritto civile Vol XI para 133
[5] Furgole Cap V Sez III n.4
[6] Laurent op. Cit. para 133
[7] ara sentenza PA (MCC) John Pace noe et v. Carmela Chircop (deciza 4/6/1964)

iii) Illi fir-rigward ta' tali azzjoni biex "l-ghemil qarrieq ikun mottiv ta' nullita` irid jintwera li l-qerq uzat ikun tali li, minghajru, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet testamentarji li fil-fatt ghamel. Il-fatt wahdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqghod ghax-xewqa ta' persuna ohra u biex jikkuntentaha ma jitqiesx bhala bizzejjed biex jista' jinghad li tali testment huwa frott il-qerq. Ghaliex biex l-impunjattivita` tirnexxi jehtieg jirrizulta li r-rieda tat-testatur giet imdawra minhabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx ghall-qerq li twettaq."[8] Inoltre, f'dawn il-kazijiet il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Minn dan jirrizulta bic-car li mhux kull zeghil jew suggestjoni huwa kawza ta' nullita` – irid ikun hemm id-dolo.

15. Peress illi effettivament jirrizulta li l-ewwel Qorti ezaminat ukoll l-allegazzjoni ta' l-appellanti odjerni li t-testatrici giet ingannata minhabba l-istat mentali debboli li waqghet fih kagun ta' medicinali qawwija somministrati lilha fil-klinika, ikun utili wkoll li wiehed jelenka s-segwenti principji legali in propozitu:

i) Il-kapacita` li persuna tiddisponi minn hwejjigha permezz ta' testment hija prezunta;

ii) Biex wiehed jiddisponi minn hwejgu mhijiex mehtiega "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio` che si fa… basta che chi dispone per testamento sia fornito di sufficiente percezione, raziocinio o memoria ondesia capace di determinazione e di volonta` ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose…";[9]

iii) Il-prova ta' l-inkapacita` tispetta lil min jallegaha. Tali provi trid tkun "piena e rigorosa talmente

[8] John Agius v. Carmelo Agius PA 8/7/2004 fejn giet kwotata d-decizjoni Cachia v. Cachia et deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15/2/1957
[9] ara Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et – PA deciza 5/10/2004

da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell'atto che compiva, ne` volonta` propria."[9]

iv) Fattur determinanti sabiex tigi stabbilita s-sanita` mentali hija r-ragjonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment. Ghandhom ukoll relevanza qawwija id-deposizzjonijiet ta' nies professjonali bhal tabib kuranti tat-testatrici u n-nutar li ikkonfezzjona t-testment dwar l-istat u l-komportament tat-testatrici fiz-zmien rilevanti.

16. Fl-ewwel lok l-appellanti jilmentaw illi "hija verzjoni tal-konvenuta li l-arrangament li kien hemm sabiex l-attur u l-konvenuta jorqdu ma' l-attrici spicca ghaliex kien hemm l-inkwiet bejn Rosa Cauchi u l-familja ta' l-attur." L-appellanti jghidu li ghalkemm Joseph Galea kellu prokura generali ta' Rosa Cauchi, li qatt ma giet revokata, hu ma kienx jaf li saru arrangamenti biex din tigi rikoverata ghand is-sorijiet. Izidu li din Cauchi qatt ma riedet tmur ghand is-sorijiet u l-lejl qabel ma giet rikoverata kienet ecitata hafna u lil Galea qaltlu "X'ghamiltuli, kemm ghandkhom qalbkom xierfa." L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti "riedet bilfors taghzel il-verzjoni tal-konvenuta u l-familjari taghha u tinjora kompletament dak li gie kontradett mill-attur." Skond l-appellanti l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li ghalkemm Rosa dejjem kienet turi x-xewqa li tibqa' d-dar hija bdiet tibdel fehmitha u tghid li ghand is-sorijiet tkun ahjar ma hija sostanzjata bl-ebda prova. Isostnu li ma hemm l-ebda prova li Roza riedet tibdel l-arrangament originali, izda ttiehdet fil-klinika biex il-konvenuta tkun tista' timmanipulaha. Tant hu hekk li tlett sorijiet xehdu li hija kienet dejjem tghajjat "ghaliex gibtuni hawn". Inoltre, il-konkluzjoni tal-Qorti li l-fatt li l-attur jghid li dan kollu sar minn wara daharu juri li f'dawk il-granet kien ittraskura ftit lill-anzjana, hija wahda "azzardata u pregudikata."

17. Huwa veru li kienet il-konvenuta li tallega li l-arrangament waqaf ghaliex kien hemm l-inkwiet bejn Rosa u Joseph Galea u l-familja tieghu. Il-Qorti lanqas ma kienet ghal kollox korretta meta qalet li l-arrangament "baqa' jsehh ghal xi zmien sakemm jidher li beda jinqala' l-inkwiet bejn Rosa Cauchi u l-attur u l-familja tieghu." Min-naha l-ohra, il-provi f'dan ir-rigward huma kontradittorji ghall-ahhar. L-atturi, min-naha taghhom isostnu konstantement li l-konvenuta u l-familja taghha ma kinux jaghtu kaz tat-testatrici u li kienu jhalluha hin twil wahedha. In fatti l-attur jghid li wara nofsinhar kienet tmur Paola Buttigieg li kienet toqghod hemm saghtejn.[10] Inoltre jghidu li l-konvenuta lanqas kienet qed tnaddfilha. Mart l-attur, Tereza Galea, sahansitra tixhed li Cauchi kienet ftehmet maghha li matul il-gurnata hija thabbtilha fuq il-hajt jew fuq il-komodina u Tereza tmur tara xi jkollha bzonn peress li l-konvenuta ma kinitx tkun hemm.[11] Lucy Portelli, wahda mill-appellanti msiefrin, tghid ukoll li f'wahda mill-btajjel taghha, fl-1983, hija kienet marret tara lil Rosa Cauchi fit-3 ta' wara nofsinhar u sabitha bil-guh. Inoltre zzid li ghalkemm kienet izzurha bosta drabi matul il-gurnata kienet tara biss lir-ragel tal-konvenuta li kien jghaddi, jaqra l-gazzetti u jaghmilha xi kafe`, izda li kien jitlaq ftit wara l-ghaxra.

18. Il-konvenuta tichad dan kollu u hi u l-familja taghha xehdu li kienu jmorru jqattghu hin mat-testatrici. Il-konvenuta tinsisti li l-attur u martu kienu jittraskuraw lit-testatrici u li lanqas kien jiehu hsieb tal-htigijiet ta' l-anzjana matul il-lejl. Tessie Camilleri, mart iben il-konvenuta xehdet, li kienet tmur kuljum ghand Rosa biex isserrah lill-konvenuta u tghid li Rosa stess kienet qaltilha li Joseph Galea kien igerger maghha meta bil-lejl titolbu xi te` u li kien jghidilha li l-bzonnijiet taghha kienet thallihom ghal bil-lejl. Il-konvenuta, zewgha u binthom Marcelle Xuereb ukoll jixhdu li Rosa kienet tgerger bl-arrangament ta' bil-lejl. Maria Camilleri zzid li huha kien xeba' bl-arrangament li kienu ghamlu u b'hekk hi kienet qed tfittex lil xi hadd li seta' jorqod ma' Cauchi, izda mbaghad kien

10 fol. 52
11 fol. 69

hemm post ghand is-sorijiet Dumnikani u peress li Cauchi riedet tmur hemm marret hemm.

19. Jidher ghalhekk li l-unika haga certa hi li dan l-arrangament hadem b'xi mod sakemm Rosa Cauchi marret ghand is-sorijiet, ghalkemm ma kienx qed jiffunzjona kif xtaqet Rosa u a sodisfazzjoni taghha. Dan jidher car minn dak li qalet Paola Buttigieg, [12] gara ta' l-istess testatrici, li kuljum kienet tmur tqatta' xi hin ghandha. Din tghid li Rosa kienet tgerger kontra l-partijiet peress li ridithom joqghodu maghha u fejnha l-hin kollu. Mix-xiehda akkwizita jidher bic-car li Rosa Cauchi, minbarra li kienet "bedridden" u kwazi ghamja ghal kollox kienet tbati hafna bis-solitudni u b'hekk ma rieditx toqghod wahedha matul il-gurnata u l-lejl. Kienet tinkwieta hafna fuq il-mard u l-kura taghha u in fatti Buttigieg tixhed li fil-hin li kienet tqatta' maghha hija kienet titkellem hafna fuq il-mard li kien ikollha. Dan gie konfermat ukoll minn Suor Epifania Bonnici, il-Madre Superjuri tad-Dumnikani, li qalet li tul iz-zmien li damet rikoverata fil-klinika Cauchi kienet esigenti hafna, fis-sens li kienet tinsisti li jaghmlu kollox sew fir-rigward tal-kura taghha. It-tabib Salvino Galea, li ikkura lit-testatrici ghal bosta snin, jixhed li Cauchi kienet qaltlu li hija ma kinitx kuntenta bl-arrangament li kellha u jghid li peress li hi xtaqet tmur ghand is-sorijiet hu baghatha hemmhekk.[13] Fil-kontro-ezami jelabora – "Rosa Cauchi kienet iffissata fuq sahhitha, ma kienet kuntenta mkien u ma kinitx kuntenta d-dar u nassumi illi ma kienitx se tkun kuntenta l-isptar anqas, pero` nikkonferma illi din marret ghand is-sorijiet l-isptar ghax riedet hi."[14]

20. Jinghad li l-provi migbura jindikaw b'mod car li Cauchi dejjem xtaqet tibqa' tirrisjedi f'darha sakemm tmut. Din ix-xewqa izda, ma teskludix li kienet Cauchi stess li iddecidiet li titlaq minn darha biex tmur tirrisjedi fil-klinika tas-Sorijiet fir-Rabat, ghax hasset li hemmhekk setghet tkun ikkurata ahjar. Infatti, mart l-attur stess xehdet li Cauchi kienet ossessjonata bil-kwistjoni ta' min kien se jdur biha u dejjem kienet taghmel referenza ghal dan iz-

[12] fol. 65 et seq.
[13] fol. 45
[14] fol. 124

zmien illi kienet ser tigi fih. Tkompli tixhed li Rosa f'xi zmien kienet qaltilha li kienet sejra ghand is-sorijiet, ghalkemm ma xtaqitx tmur, u li ghalkemm il-lejl ta' qabel giet r rikoverata kienet nervuza hafna, dakinhar li kienet sejra kienet tidher kwieta u pjuttost rassenjata[15]. Tali decizjoni tidher li ma kinitx wahda li Rosa ghamlet ghax xtaqet, izda ghaliex hassitha kostretta peress li l-arrangament li kienet ghamlet ma' Joseph Galea u l-konvenuta ma kienx qed jiffunzjona kif riedet hi. Huwa f'dan is-sens li t-testatrici biddlet fhemitha. Dan jispjega wkoll l-ilmenti tat-testatrici meta hija kienet rikoverata gewwa l-klinika. Hija kienet tilmenta "Guzeppi u Maria fejn gibtuni"[16] u anke "Ghajjut", "Ghalfejn hawnhekk gabuni?" ghaliex li kien ghaliha biz-zgur kienet tibqa' gewwa darha izda l-istat fiziku taghha u c-cirkostanzi li sabet ruhha fihom ikkonstringewha taghmel din id-decizjoni, anke jekk kontra qalbha.

21. Inoltre, ghalkemm is-sorijiet stess xehdu li Cauchi ma kinitx kuntenta fil-klinika, il-Madre Superjura ta' dak iz-zmien, Suor Epifania Bonnici, li kienet nurse kwalifikata, tghid li l-klijenti kollha ma jkunux kuntenti sakemm jidraw, izda li din Cauchi ma kellhiex cans tidra ghaliex mietet fi ftit granet. Minn dan kollu jirrizulta li l-attur ma rnexxielux jipprova li t-testatrici kienet mgieghla tmur fil-klinika u li ttiehdet hemm kontra qalba mill-konvenuta bhala parti mill-allegat pjan taghha biex din tkun tista' timmanipulaha biex tbiddel it-testment taghha.

22. Mill-provi jidher bic-car li l-attur Joseph Galea tassew ma kienx jaf bl-arrangamenti li kienu qed isiru biex Cauchi tigi rikoverata fil-klinika. Il-konvenuta stess tammetti li hija ma kienet qalet xejn lil huha izda zzid li hu stess kien ihajjar lil Cauchi biex tmur hemm. It-tabib Salvino Galea jixhed li hu kien ghamel l-arrangamenti biex Cauchi tigi rikoverata ghand is-sorijiet, wara li Cauchi iddecidiet hekk, u jzid li l-konvenuta kienet taf b'dan "peress illi hi kienet tkun prezenti, meta jien kont ninvista lil Rosa, mentri Joseph Galea ma kienx kompitu tieghi (sic) b'dan illi kien qieghed jigri fuq il-pazjenta tieghi" (fol 123). B'hekk

[15] fol. 70
[16] fol.. 103

jirrizulta li l-kumment ta' l-ewwel Qorti li l-fatt li l-attur jghid li dan sar kollu minn wara daharu jindika li tassew f'dawk il-granet kien ittraskura ftit lill-anzjana, huwa bla bazi ta' prova. Min-naha l-ohra pero` ghandu jinghad li l-fatt biss li l-konvenuta ma qalitx lill-attur li Rosa Cauchi kienet se tigi rikoverata fil-klinika ma jwassalx lill-Qorti li tikkonkludi li b'daqstant il-konvenuta kienet qed tipprova tinganna lit-testatrici jew li kienet qed timmanipulaha, iktar u iktar meta l-partijiet stess jammettu li huma kienu ilhom bosta snin ma jitkellmu.

23. L-appellanti jilmentaw ukoll li l-Qorti hadet bhala fatt ippruvat li n-nutar kiteb it-testment sotto dettatura tat-testatrici. It-testment odjern sar fit-8 ta' Ottubru 1985, fil-klinika fejn kienet rikoverata Cauchi. Prezenti kien hemm in-nutar Michael Refalo, it-Tabib Galea, il-konvenuta u zewgha u z-zewg xhieda – Carmelo Portelli u G. Portelli. Din ta' l-ahhar ma ttellghetx tixhed.

Suor Epifania Bonnici xehdet li hija kienet giet infurmata mill-konvenuta li kienu gejjin biex ikellmu lil Cauchi u b'hekk issuspettat li se jsir testment. Hija u hierga ltaqghet mal-konvenuta u zewgha dehlin mat-tabib Galea. Michael Camilleri, ir-ragel tal-konvenuta jghid li Rosa Cauchi iddettat kollox, li huma ma ndahlux u qaghdu jisimghu (fol. 165). Carmelo Portelli, wiehed mix-xhieda li dehru fuq l-att, min-naha tieghu jghid "Meta ahna wasalna ghand is-sorijiet, in-Nutar kien diga` hemm, jiena ma rajtux jikteb it-testment, pero` naf li qrahulha fil-prezenza tieghi." B'hekk hu ma jistax jikkonferma li kienet Rosa li iddettat dak li gie miktub fit-testment. Ix-xhieda kollha izda jikkonfermaw li t-testment inqara u gie spjegat lit-testatrici min-Nutar. Portelli jzid "u f'dan it-testment kien hemm imnizzel li kienet ser thalli kollox, li ghandha u li jista' jkollha lil Maria Camilleri, li hija l-konvenuta odjerna. Rosa Cauchi irrispondietu kollox sew. It-testment gie iffirmat regolarment."[17] B'hekk gie ippruvat sufficjentement illi n-nutar kien accerta ruhu li dak li kien tnizzel fit-testment kien verament jirrifletti dak li riedet it-testatrici. Jigi hawn rilevat li nutar huwa ufficjal pubbliku u

[17] fol 41-42

li in dizimpenn tal-professjoni tieghu huwa ma jiehux il-patrocinju jew interess ta' xi parti fil-konfront ta' interessi ta' haddiehor.

25. Fl-appell taghhom l-appellanti jillanjaw ukoll li l-ewwel Qorti dehret inklinata wisq li taccetta certa xiehda on *its face value* u li kien ikun ahjar kieku harset lejhom b'certa cirkospezzjoni. Jillanjaw li x-xiehda tat-tabib Salvino Galea kienet 'biased' u li l-Qorti ma kellhiex temmnu meta xehed li kienet Rosa Cauchi stess li riedet tmur fil-klinika, ghaliex dan gie kontradett mill-komportament taghha stess. Peress li dan diga` gie trattat aktar 'il fuq jigi rilevat biss li l-appellanti ma rnexxielhomx jippruvaw l-allegazzjoni taghhom li Rosa Cauchi ma kinitx iddecidiet li tmur fil-klinika volontarjament. Biex jenfasizzaw dak li qed isostnu l-appellanti jissottomettu wkoll li ghalkemm it-tabib kien cahad li kienu gew somministrati medicinali u kalmanti lil Cauchi, hu gie kontradett mis-sorijiet li hadu hsiebha. Jinghad li huwa veru li Dr. Galea cahad li Cauchi kienet tiehu xi kalmanti, u insista li hu la ippreskrivielha kalmanti meta kienet id-dar u lanqas meta giet rikoverata fil-klinika. Dan rega' tennieh anke meta fil-kontro-ezami gie konfrontat b'dak li qalet Suor Maria Gauci li huma kienu tawha kalmanti fuq preskrizzjoni tieghu. Zied jghid izda li ma kienx jeskludi li giet moghtija xi kalmanti meta il-kundizzjoni taghha aggravat. Pero`, ix-xiehda ta' Suor Gauci ma taqbilx ma' dik ta' Suor Epifania Bonnici li ghalkemm l-ewwel tixhed li hija ma kinitx taf jekk il-pazjenta kinitx tiehu kalmanti, tghid li s-sorijiet l-ohra kienu jghidulha li ma kinux jaghtuha kalmanti ghaliex Cauchi ma kinitx tkun trid tehodhom.[18] Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 1987, kienet ukoll qalet li Cauchi kienet tiehu xi lassattivi izda drogi xejn peress li kienet anke tirrifjuta li tiehu "sleeping pills" meta ma tkunx tista' torqod. Izda anke li kieku stess tali medicinali, b'effett trankwillizzanti, gew issomministrati lil Cauchi, dan ma jfissirx li din kienet taht l-effett taghhom meta ghamlet it-testment. Kien oneru ta' l-atturi li jippruvaw li Cauchi kienet taht l-effett ta' xi kalmanti u li, b'rizultat ta' dawn, it-testatrici ma kellhiex kontroll tal-volonta` taghha – dan ma giex ippruvat.

---
[18] fol. 102-103

Carmelo Portelli wiehed mix-xhieda li deher fuq it-testment jghid li dakinhar Rosa ma kinitx hazin u li gharfitu izda hu ma kienx kellimha peress illi kien qed ikellimha n-Nutar. L-istess jinghad minn Dr. Michael Refalo, in-nutar li irrediga l-att – dan qal li hija kellha mohhha tajjeb bizzejjed biex taghmel testment. It-tabib Galea min-naha tieghu jghid li qabel ma ghamel ic-certifikat huwa kien staqsiha xi domandi biex jaccerta ruhu li hija kienet lucida u li setghet liberament tiddisponi minn hwejjigha. Suor Epifania Bonnici tixhed ukoll li fil-bidu Cauchi kienet tpoggiet f'sodda normali u tghid li l-istat mentali ta' Cauchi kien ivarja bejn zmien fejn tkun lucida u normali, u drabi ohra li tibda thawwad. Tghid izda li meta kellmitha hi kienet lucida.

25. L-appellanti jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti ma tatx importanza lill-fatti suspettuzi u determinanti fl-apprezzament taghha tal-provi. L-appellanti jallegaw li huwa suspettuz li r-"records" tal-pazjenta gew distrutti immedjatament mal-mewt taghha. Huwa veru li kieku tali "records" setghu jigu pprezentati setghu jitfghu dawl fuq dak li kienet qed tiehu Cauchi izda huwa difficli li wiehed jaccetta l-verzjoni li dawn gew distrutti b'kolluzjoni bejn il-konvenuta u l-isptar, kif donnhom qed jinsinwaw l-appellanti. Inoltre, Suor Bonnici spjegat li f'dak iz-zmien huma kienu jiddistruggu r-"records" tal-pazjenti li jmutu. Hija qalet li huwa veru li qabel ma dawn ir-"records" gew distrutti l-attur Joseph Galea kien talabhomlha u hi kienet qaltu biex jigi jaghmel kopja, izda sakemm gie, dawn, bi zball, thalltu ma' "records" ohrajn u gew distrutti.

26. L-appellanti jilmentaw illi Cauchi qatt ma nzammet gewwa "cot" f'darha, izda meta giet rikoverata kellha tinzamm f'cot ghaliex kienet isterika u inkonsolabbli. Izidu li l-ewwel Qorti ma rat xejn straordinarju f'dan il-fatt u injorat ix-xiehda tas-sorijiet li kienu jghidu li kienet tinzamm fil-"cot" peress li kienet tghajjat bil-lejl u tipprova tinzel mis-sodda. Jigi ppreci zat li jirrizulta li meta Cauchi giet rikoverata fil-klinika hija tpoggiet go ward normali u giet moghtija sodda normali, izda peress li din kienet qed tqum bil-lejl u tipprova tinzel mis-sodda, bdew izommuha f'"cot" biex ma taqax. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti

ma hemm xejn mhux tas-soltu u suspettuz f'dan, tenut kont ukoll li Cauchi kienet nieqsa mid-dawl u ghalhekk setghet tkun ta' perikolu ghaliha nnfisha.

Inoltre, jghidu li l-Qorti kellha wkoll taghti piz lill-fatt li meta kienet go darha t-testatrici ma kinitx tiehu kalmanti u li gewwa l-klinika dawn gew somministrati lilha, u dan il-Qorti kellha taghmlu anke jekk "ma hemmx prova dwar x'effett setghu hallew fuq mara anzjana". Dan l-argument mhux korrett. Il-ligi tirrikjedi li t-testatur ikun kapaci fil-mument meta jsir it-testment u kien jinkombi fuq l-atturi, appellanti odjerni, li jippruvaw li t-testatrici kienet inkapaci li taghmel tali testment ghaliex kienet taht l-effett ta' trankwillizzanti f'dak il-mument. Din il-prova li kellhom jaghmlu riedet tkun wahda cara u inekwivoka. Inoltre, fid-duttrina gie dejjem ritenut li r-ragonevolezza tad-disposizzjonijiet fit-testment hija fattur determinanti biex tigi stabbilita s-sanita` mentali. Kif korrettment ikkummentat l-ewwel Qorti – "l-fatt li l-istess testatrici b'dak it-testment taghha zammet ferm il-legati li halliet bit-testment precedenti taghha u li *inter alia* kienu jibbenefikaw lill-attur innfisu, jimmilita favur tat-tezi li din kienet f'kontroll tajjeb tal-fakoltajiet mentali taghha. Lill-attur ma nsitux u xorta wahda riedet tikkumpensah b'xi mod ta' li kien ghamel maghha."

27. Jargumentaw ukoll li l-konkluzjoni tal-Qorti li kien ikun aktar facli ghall-konvenuta li tiddomina u timmanipula t-testatrici fid-dar taghha milli ghand is-sorijiet hija azzardata ghaliex huwa hafna aktar facli li timmanipulaha fil-klinika 'l boghod mill-hars ta' l-attur u martu u tal-girien. L-appellanti jissottomettu li l-konvenuta ma kinitx tazzarda ggib lin-Nutar fir-residenza tat-testarici ghaliex hu kien ikun jaf b'dan f'qasir zmien u jisfrattalha kollox. Kien aktar facli li taghmel kif ghamlet il-konvenuta *out of sight, out of mind* tieghu. Ghandu jinghad li ghalkemm tali osservazzjoni tal-Qorti ma ghandha l-ebda effett fuq l-ezitu tal-vertenza odjerna, dik il-Qorti ghamlet osservazzjoni valida ghaliex kif issottomettiet l-appellata fir-risposta ta' l-appell, kieku l-appellata kellha l-hsieb li tinganna lit-testatrici dan setghet taghmlu izjed facilment meta din ta' l-ahhar kienet f'darha, fejn hija kienet tkun

maghha ghal sighat twal, milli gewwa klinika fejn kienet imdawra minn pazjenti ohra u mis-sorijiet u d-dirigenti tal-klinika.

28. Fl-ahhar paragrafu ta' l-appell taghhom, l-appellanti jillanjaw li l-Qorti injorat l-ittri miktuba minn Rosa Cauchi u li gew prodotti fil-kors tal-kawza. Skond l-appellanti tali ittri kienu ta' importanza ghaliex juru l-karattru tat-testatrici li qatt ma kienet se titradixxi l-principji nsara taghha u s-sens ta' "fairness". Tali allegazzjoni mhux gustifikata – l-ewwel Qorti ikkunsidrat dawn l-ittri kif jidher mill-qari tas-sentenza appellata izda hasset li dawn ma kinux qed jixhtu dawl fuq il-kawza pendenti quddiemha.

29. L-appellanti jissottomettu wkoll li huma kienu talbu li titla' tixhed Margherita Portelli, mart Carmelo Portelli, u li peress li kien gie ipprezentat certifikat mediku biex din ma titlax il-Qorti, l-ewwel Qorti innominat lil Dr. Carmelo Galea, bhala Magistrat Supplenti, biex jigbor id-deposizzjoni taghha. Dan izda qatt ma esplieta l-inkarigu moghti lilu. L-appellanti jghidu li tali pregudizzju fil-konfront taghhom jista' jigi biss rimedjat bl-annullament tas-sentenza. Jirrizulta mill-atti li b'digriet ta' l-ewwel Qorti tal-20 ta' Novembru 1997 (fol. 312), kien gie nominat Dr. Carmelo Galea biex jiehu d-deposizzjoni tax-xhud imsemmija fil-prezenza tat-tabib Dr. Salvino Galea, it-tabib kuranti tax-xhud. Tali deposizzjoni jidher li ma ttehditx ghaliex ma tirrizultax fl-atti – b'hekk sa hawn l-appellanti ghandhom ragun. Izda ghandu jigi rilevat illi fis-seduta ta' wara, jigifieri fit-8 ta' Mejju 1998, il-partijiet iddikjaraw illi ma kienx fadlilhom provi u talbu l-fakolta` li jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet. L-ilment imqajjem illum f'dan ir-rikors ta' appell baqa' ma tqajjem qatt quddiem l-ewwel Qorti u dan nonostante li kienu saru diversi seduti quddiem dik il-Qorti, qabel ma l-kawza giet deciza fil-5 ta' Marzu, 2002. L-atturi ipprocedew ghal atti successivi u ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom minghajr ma qatt qajmu din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti. B'hekk, l-ilment taghhom mhux gustifikat.

30. Jonqos ghalhekk li jigi trattat l-ahhar aggravju f'dan l-appell – dak jigifieri li jirrigwarda r-relazzjoni tal-perit

psikjatriku.  L-appellanti jghidu li dan l-espert, minflok ma ta l-opinjoni tieghu dwar l-istat mentali tad-decujus kif kien mitlub jaghmel, ghamel gudizzju legali li kien biss jispetta lill-Qorti u ikkonkluda li "…fl-atti ma jezisti xejn li juri li meta Rosa Cauchi ghamlet it-testment din kienet affettwata minn xi forma ta' mard psikjatriku jew effett ta' medicinali li irrendewha mentalment inkapaci."  Skond l-appellanti dak li kellu jaghmel l-espert psikjatriku kien li jaghti opinjoni teknika ta' jekk mara anzjana u debilitata bhalma kienet Rosa Cauchi li sabet ruhha fic-cirkostanzi li irrizultaw ma kinitx kapaci taghmel testment billi tuza l-libera volonta` taghha.  Inoltre, jzidu li huwa stramb li dan l-espert ma ra xejn stramb fil-fatt li hija kienet qed tinghata kalmanti daqshekk qawwija minghajr l-ordni tat-tabib jew li r-"records" ta' l-isptar gew distrutti immedjatament wara l-mewt taghha.

31.  Jirrizulta illi l-perit psikjatriku msemmi gie nominat mill-ewwel Qorti fil-15 ta' Ottubru 1991 (fol. 156) u dana wara decizjoni li tat il-Qorti ta' l-Appell f'dan ir-rigward fit-28 ta' Jannar 1991, (fol. 147 et seq.) li kienet ikkummentat li "it-talba ghal perizja f'cirkostanzi bhal dawn in kawza, trid tigi ammessa mhux biss meta l-Qorti tirritjeni li dan huwa espedjenti, imma f'kull kaz, hlief meta l-Qorti jkollha diga` fl-atti, l-ahjar prova fuq l-allegat."  Il-perit psikjatriku ma giex inkarigat mill-Qorti biex jaghti opinjoni akkademika ta' x'ikun l-istat mentali ta' mara anzjana bhal Cauchi, li ssib ruhha fl-istess cirkostanzi.  Minhabba n-natura ta' l-azzjoni, l-perit kellu invece, jezamina l-istat mentali ta' Cauchi kif dan seta' jirrizulta mill-provi u mill-atti prezentati fil-kawza, dan peress li Cauchi kienet gia` mejta.  Tali perizja psikjatrika tikkostitwixxi prova skond il-ligi li trid tigi ezaminata mill-Qorti bhala tali meta din tkun qed taghmel l-apprezzament taghha tal-provi biex tiddeciedi l-mertu.  Il-Qorti ma hijiex obbligata li taccetta r-relazzjoni teknika bhala prova determinanti u kellha dritt tiskartaha bhalma taghmel bi provi ohra jekk jidhrilha li ma titrattax il-kwistjoni adegwatament.  Min-naha l-ohra l-Qorti ghandha taghtiha piz debitu u ma ghandhiex tinjoraha jekk ma jkunx hemm ragunijiet serji.[19]  B'hekk ma

[19] ara Calleja Jos. Noe v. John Mifsud – Appell Civili – 19/11/2001

jirrizultax li sar xi pregudizzju fil-konfront ta’ l-appellanti, li inoltre kellhom anke l-opportunita` li jeskutu lil Dr. Pisani u qatt ma talbu n-nomina ta’ xi periti addizzjonali.

32. Kienet ghalhekk korretta d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-atturi appellanti ma irnexxielhomx jippruvaw fil-grad ta’ probabilita` rikjesta mil-ligi li t-testment in kwistjoni kien affett b’xi ingann ezercitat mill-konvenuta jew li Cauchi kienet fi stat mentali tant debboli li dan it-testment ma jirriflettix il-volonta` taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell ta’ l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------